MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 355/2010

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B fejn dan, wara li ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu nhar l-4 ta’ Settembru 1993 u sseparaw konsenswalment nhar il-25 ta’ Settembru 2006 (ara kuntratt Dok. A hawn anness);

Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett ulied u cioe’ D, E u F li ghadhom minuri u ghandhom erbatax-il sena, tnax-il senau ghaxar snin rispettivament;

Illi l-kura u kustodja tal-istess minuri hija vestita u ezercitabbli mill-istess partijiet kongjuntivament b'dan illi l-affidament kien fdat f'idejn il-mara bi dritt ta' access lir-rikorrent;

Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni, il-missier jista' jezercita l-access biss nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn l-16.00 u s-19.00. Fil-frattemp, pero', it-tfal kibru, il-bzonnijiet taghhom tbiddlu u issa qeghdin jghixu 'l boghod tant illi dan l-access gie rez inezegwibbli u impossibli;

Illi r-rikorrent kien intavola proceduri ta' medjazzjoni sabiex dawn jigu varjati u dan wara li l-minuri tfal urew ix-xewqa li jqattghu aktar hin mal-missier;

Illi kif ser jigi pruvat tul il-mori tal-kawza huwa fl-ahjar interess tal-minuri u hija x-xewqa taghhom illi l-modalita' tal-access ghall-minuri tfal jinbidel u dan fis-sens illi huma jqattghu erbat ijiem shah mal-missier;

Illi l-missier u t-tfal minuri huma konsapevoli illi l-missier qieghed jghix ma' terza persuna u dan peress illi ghandu wild iehor, u dan il-fatt bl-ebda mod ma xejjen ix-xewqa tat-tfal minuri proprju minhabba l-komportament responsabbli u genwin tal-missier;

Illi l-omm ma sabet ebda oggezzjoni valida ghal dan l-arrangament izda rrifjutat dan l-arrangament biss peress illi l-missier rikorrent ma kienx dispost illi jhallas manteniment aktar lill-omm. Illi ghalhekk ir-rifjut tal-omm ma hi xejn hlief vendikazzjoni fuqu u fuq it-tfal;

Illi l-esponent gie awtorizzat biex jaghmel dina l-kawza permezz ta' Digriet Nru. 1456/10, Dok. A hawn anness.

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex fl-ahjar interess tal-minuri tvarja l-kundizzjoni u modalitajiet tal-access ghat-tfal minuri u dan sabiex il-missier ikollu access ghat-tfal minuri ghall-erbat ijiem shah fil-gimgha u dan wara li jinstemghu x-xewqat tal-istess minuri jekk ikun mehtieg u dan kollu taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hi minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' C B, li in forza taghha, eccepiet:

Illi t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra tieghu u dan ghas-segwenti ragunjiet:

1. Illi huwa ben risaput illi *pacta sunt servanda* b'mod illi ma jistax ir-rikorrenti jinqeda b'dawn il-proceduri sabiex jittenta jirrevedi stipulazzjonijiet kuntrattwali minnu liberament accettati, hlief safejn tali revizjoni huwa kkontemplat fil-kuntratt.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma jistax jinghad li l-access akkordat lir-rikorrenti ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni gie rez inezigwibbli u impossibli bis-semplici fatt li tbiddlet ir-residenza tal-minuri.

3. Illi kuntrarjament ghal dak premess mir-rikorrenti, hija x-xewqa tal-minuri li jibqghu jirrisjedu principarjament ma' ommhom l-esponenti u mhux tar-rikorrenti u s-siehba tieghu li ghalihom hija effettivament persuna barranija.

4. Illi m'huwiex fl-interess suprem tal-minuri li jigu varjati l-granet u hinijiet tal-access kif qed jigi propost mir-rikorrenti, u l-affidament taghhom ghandu jibqa' f'idejn ommhom ir-rikorrenti bl-istess dritt ta' access favur missierhom kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjonita' bejn il-kontendenti.

5. Illi l-esponenti qieghda toggezzjoni ghal dan l-arrangament propost mir-rikorrenti mhux bhala vendikazzjonikif allegat mir-rikorrenti, izda ghaliex qieghda thares biss lejn l-interess suprem ta' uliedha kif dejjem ghamlet f'kull decizjoni li hadet.

6. Illi l-affidament tal-minuri minn dejjem kien f'idejn l-esponenti u dan sa minn meta l-kontendenti sseparaw *de*

*facto* wara li r-rikorrenti ghazel li jitlaq mid-dar matrimonjali u jistabilixxi r-residenza tieghu flimkien mas-siehba kurrenti tieghu, u l-esponenti dejjem rabbiet lill-uliedha bl-aktar mod ezemplari u ghamlet dak kollu possibli sabiex tipprovdilhom b'stabbilita f'hajjithom.

7. Illi ghaldaqstant, ma tezisti l-ebda raguni valida li tiggustifika t-talba tar-rikorrenti ghall-varjazzjoni tal-kundizzjoni u modalitajiet tal-access tieghu ghall-minuri.

Rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal, inkarigata minn din il-Qorti biex tisma' lill-minuri.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed jitlob bidla fil-modalitajiet ta' access ghat-tlett uliedu minuri b'dana illi l-minuri jibdew iqattghu erbat ijiem shah mieghu. L-omm intimata, f'dawn il-proceduri, ma thossx li dan ikun ta' gid ghall-ulied.

Ikkunsidrat illi f'materja ta' access bejn genituri u ulied, huwa dejjem l-interess tal-istess minuri huwa suprem. Fil-kaz in ezami, il-Qorti hi tal-fehma li dak li qed jitlob il-missier, m'huwiex fl-interess tal-minuri. Il-Qorti tqis illi jkun ahjar ghall-minuri li jibqghu jghixu fid-dar ma' ommhom matul il-gimgha. Ghandhom imorru ghand missierhom fi tmiem il-gimgha. B'dan il-mod, l-istabbilita' ta' hajjithom tibqa' u ma jsir xejn li jista' b'xi mod ifixkilhom mill-istudji taghhom.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tordna illi l-minuri ghandhom ikunu ma' missierhom kull nhar ta' Sibt mit-3.00pm sas-7.00pm u b'mod alternattiv nhar ta' Hadd mill-10.00am sas-6.00pm. Il-minuri ghandhom jithallew jorqdu fid-dar ta' missierhom nhar ta' Sibt skond ix-xewqat tal-istess minuri.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------